**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 6 ta' Ottubru 2020**

**Rikors Numru : 129/2020 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**JM**

**Vs**

**MM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' **JM** datat 15 ta' Mejju 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewwġu fit-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija tnejn u tmenin (1982) hekk kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok A u minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt itfal, A illi twieled nhar X u llum maġorenni u B illi twieldet nhar Y, u llum maġġorenni, hekk kif jirriżulta miċ-ċertifikati tat-twelid Dok 'B' u Dok 'C' rispettivament.*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim Awla datata 27 ta' Novembru 1995 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-seduta datata 11 ta' Marzu 1998 hawn annessa immarkata Dok D.*

*Il-partiiet qablu li huma ilhom separati de iure sa mill-1995 u għaldaqstant ilhom aktar minn seba' snin separati.*

*Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante li l-partijiet ilhom seba snin mifrudin.*

*Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, il-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat fit-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija tnejn u tmenin (1982) bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Reġistartur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' **MM** datata 15 ta' Ġunju 2020 (fol 26) fejn din irrispondiet hekk:

*Illi l-esponenti ma għandhiex oġġezzjoni għat-talba tal-ħall taż-żwieġ tal-partijiet li ġie iċċelebrat fis-sitta (6) ta' Ġunju tal-elf disa' mija u gnejn u tmenin (1982).*

*Illi l-esponenti tirrimetti ruħħha għal ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti rigward it-tieni talba avvanzata mir-rikorrenti.*

*Illi in vista taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, l-esponenti umilment tirrileva li hija ma għandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-proċedura.*

Rat ix-xhieda bl-affidavit;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**JM** xehed bl-affidavit ( fol 5 ) illi huwa u martu ilhom separati de jure għall-ħamsa u għoxrin sena. Xehed illi ma hemmx ċans ta' rikonċiljazzjoni, u finalment xehed ukoll illi l-manteniment għall-uliedu dejjem tħallas.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-12 ta' Ġunju 1982 (Vide Dok A fol 6) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom żewġt itfal, illum maġgorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim Awla datata 27 ta' Novembru 1995 u ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-seduta datata 11 ta' Marzu 1998 ( vide Dok D fol 8 et seqq ) u ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati ghal ferm aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**